**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Matthew Camilleri**

**Illum 24 ta' Frar 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 242/2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Matthew Camilleri**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 529286(M) fejn huwa gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Frar 2019 bejn 18:00hrs u 19:00hrs minn gewwa l-fond 'Marvic Flat 2, Triq l-Mdina, H'Attard;

1. Ikkommetta serq ta' flus, gojjellerija u oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-'hin', 'lok', 'mezz' u 'valur' liema valur ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u segha u tletin sentezmu

(€2329.37) u dan ghad-detriment ta′ Carmelo Caruana persuna ta′ 67 sena u / jew ta′ persuni ohra.

2. U aktar talli fl- istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe` l-bieb tar-residenza Marvic Flat 2 u l-bieb komuni tal-blokka Marvic flats liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2500), izda hija ta′ izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan ghad-dannu ta′ Carmelo Caruana persuna ta` 67 sena u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f′kas ta htija, titratta ma l-akkuzat bhala recidiv ai termini ta′ l-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, permezz ta′ diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta′ Malta liema sentenzi saru definnittivi ma jistawx jinbidlu.

Rat l-atti kollha ta′ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 3).

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta′ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni prezentata fit-tnejn (2) ta′ Dicembru 2020 kif wkoll in-nota ta′ sottomissjonijiet tal-imputat prezentata fil-wiehed u ghoxrin (21) ta′ Jannar 2021.

**Ikkunsidrat:**

- **Rijassunt tax-Xhieda**

**L-Ispettur Mario Xiberras**[1] spjega li fl-erbatax (14) ta' Frar 2019 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19.00hrs) Carmelo Caruana kien ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija li kienet sehhet serqa mir-residenza tieghu bl-indirizz Flat 2, Marvic, Triq l-Imdina, Attard. Irrapporta li sab sgass fil-bieb tal-komun u tal-bieb tal-Flat Numru Tnejn (2) fejn jirrisjedi. Huwa u martu kien hargu ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija u rritornaw lura d-dar siegha wara. Insterqulu flus kontanti, cheque books, wallet u handbags u anke gojjellerija. Bhala flus kontanti indika li kellu madwar sitt mitt ewro (€ 600) filwaqt li l-valur tal-gojjellerija kien ta' hames mitt ewro (€ 500).

L-Ispettur kompla jispjega li l-Pulizija gabret filmati tas-CCTV fl-inhawi. Mill-istess filmati deher persuna niezel minn SUV sewda. Huwa deher idur fl-akkwati. Wara li hargu l-konjugi Caruana huwa dahal gewwa l-blokka fejn jirrisjedu. Huwa deher diehel mill-bieb tal-komun peress li hemm bozza bis-sensor li xeghlet hekk kif din il-persuna resqet lejn il-bieb. Huwa dam gewwa ghoxrin minuta u imbaghad deher hiereg b'basket.

In konnessjoni ma' dan il-kaz gie arrestat l-imputat. Huwa cahad li kellu xi involviment. Madanankollu, il-Pulizija stabbilew wkoll li l-mobile tal-

[1] Fol. 65 et seq

imputat kien fl-akkwati ta' fejn sehhet is-serqa dakinhar tal-erbatax (14) ta' Frar 2019. Ix-xhud temm jghid li kienet wkoll saret ID parade fejn id-derubata Rosaria Caruana indikat lill-imputat bhala l-persuna li hija kienet ratu fl-akkwati dakinhar tal-kaz. Jane Bonnici indikat lill-istess imputat bhala l-persuna li kienet rat fil-komun tal-flattijiet.

**<u>In kontro-ezami</u>**, l-Ispettur ikkonferma li fil-footages ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' data u hin.

Fix-xhieda li ta fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2019[2] l-Ispettur ipprezenta kopja tas-sentenza moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 2012 kif wkoll kopja ta' komparixxi relattiva ghal sentenza esebita precedentement. Dawn kienu jikkoncernaw lill-imputat Matthew Camilleri.

**<u>Fil-kontro-ezami</u>**[3] li sarlu fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2020, l-Ispettur Xiberras ikkonferma li qabel ma sar l-arrest ta' Matthew Camilleri kienu wrew xi ritratti lill-vittma. Ikkonferma li r-ritratti a fol. 96 u 97 tal-process kien wriehom hu flimkien ma' ufficjali ohra tal-Pulizija. Meta imbaghad kellem lil Matthew Camilleri, huwa kien indikalu li kienu gabu l-vittmi fl-ufficju tieghu. Ma ftakarx jekk kienx semmielu li kien sar l-ID parade.

[2] Fol. 449
[3] Fol. 527 et seq

**Carmelo Caruana**[4] xehed li dakinhar tal-erbatax (14) ta' Frar 2019 hu u martu hargu mid-dar tar-residenza taghhom ghall-habta tas-sitta u ghaxra ta' filghaxija (18.10hrs) sabiex immorru jigbru lin-neputija mill-Muzew. Waqt li kienu d-dar ta' binthom, it-tifel ta' oht il-mara tieghu cempel lit-tifla taghhom biex jghidilha li kienu dahlulhom id-dar. Caruana kompla li huwa mar mill-ewwel id-dar tieghu u x'hin dahal id-dar sab kullimkien mixghul u imqalleb. Is-serratura tal-bieb tieghu kienet imkissra. Bhala affarijiet li insterqu, ix-xhud indika li kienu insterqulu flus kontanti u gojjellerija. Tenna li jikkalkula li kienu hadulhom b'hamest elef ewro (€ 5,000) barra l-hsarat li soffrew u l-ispejjez li kellhom jaghmlu.

**Rose Caruana**[5] xehdet li dakinhar tal-erbatax (14) ta' Frar 2019 kienet qed tittawwal mil-bieb tad-dar taghha u rat persuna li xebhitha ma wiehed gar taghha. Hija ratu jaqsam it-triq. Eventwalment irrealizzat li lil dak li rat ma kienx il-gar taghha izda persuna ohra. Ghall-habta tas-sitta u ghaxra ta' filghaxija (18.10hrs) hija u zewgha marru biex jigbru lit-tifla ta' binthom mill-Muzew. Waqt li kienu ghand binthom, it-tifel ta' ohtha cempel lil bintha u infurmaha li kienu serquhom. Kompliet tghid li huma marru mill-ewwel id-dar fejn sabu hafna taqlib. Fost l-affarijiet li sabet neqsin kien hemm flus kif wkoll gojjellerija li kellha. Bhala flus insterqulhom madwar elf ewro (€ 1,000). Il-flus u l-gojjellerija kif wkoll l-affarijiet l-ohra li insterqulhom kienu jammontaw ghal madwar hamest elef ewro (€ 5,000). Caruana gharfet lill-imputat bhala l-persuna li kienet rat qed jaqsam it-triq.

---

[4] Fol. 144 et seq
[5] Fol. 147 et seq

Ix-xhud kompliet tghid kif l-ghada rceviet telefonata minghand persuna li kienet sabet cheque books taghhom l-Imsida fejn l-Isptar St Philips. Dawn ic-cheque books kienu insterqulhom flimkien mal-affarijiet l-ohra. Ic-cheque books gew ritoranti mill-persuna li sabithom filwaqt li l-Pulizija gabru l-affarijiet l-ohra li sabu fil-post. Caruana qalet wkoll li eventwalment hija issejhet id-Depot fejn giet murija diversi ritratti u indikat l-persuna li hija kienet rat jaqsam it-triq u li kienet xebhitu mal-persuna li kienet toqghod quddiemhom izda li fil-verita ma kienx hu.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud spjegat li hija toqghod fit-tieni sular fuq l-appartament ta' ohtha. Il-persuna li kienet rat u li xebhitu ma' dak li joqghod quddiemha ratu jaqsam it-triq u rajtu la genba. Pero ma kienx dak li joqghod quddiemha ghax kompla tiela aktar 'l fuq. Spjegat li huwa kien miexi bil-mod u baqa' sejjer ghal fejn l-ufficju ta' agenzija tal-propjeta.

**<u>In ri-ezami</u>**, ix-xhud spjegat li ohtha kienet qaltilha li rat lil wiehed niezel it-tarag tal-komun. Indikatilha li kien jixbah lil wiehed joqghod quddiemhom u kien ghalhekk li x-xhud mill-ewwel marret ghall-persuna li hija kienet rat aktar qabel. Mir-ritratti li gew esebiti, ix-xhud indikat wkoll liema kien il-bieb tal-komun tal-blokka taghha li ghandu l-bozza tixghel fuqu.

**Fil-kontro-ezami** li sarilha fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2020[6], ix-xhud regghet spjegat li meta rat lill-imputat jaqsam it-triq kien ghadu d-dawl u kien ghadu ma dalamx. Ghall-ewwel hasbet li kien ir-ragel li joqghod quddiemha, izda imbaghad fil-verita irrizulta li ma kienx hu. Ivverifikat li kien il-persuna li gharfet fl-awla ghaliex ohtha kienet indikatilha li fil-blokka hija kienet rat lil wiehed li jixbah lil dak li joqghod faccata taghhom.

Ix-xhud ikkonfermat wkoll li kienet rat ritratti kemm fl-Ghassa tan-Naxxar kif wkoll id-Depot. Fuq il-karta li tawha kien hemm disa' ritratti zgur. Hi u ohtha kienu gharfuh separatament. Kompliet imbaghad tikkonferma li kien hu meta ratu fl-awla. Insistiet li hadd ma kien issuggerielha li kien l-imputat. Enfasizzat li kienu qalulha biex tara taghrafx xi wiehed minn tar-ritratti u kienet indikat lill-imputat. Fuq mistoqsija ohra tad-difiza, hija qalet li qatt ma kienu wrewha ritratt wahdu.

Fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud spjegat li l-ircevuta tal-ispejjez li kienet giet prezentata kienet tirreferi ghall-ispejjez tal-bieb taghha kif wkoll tal-bieb tal-komun. L-ispiza biex ohtha biddlet is-serratura ma kinitx inkluza f'din l-ispiza.

**L-Ispettur Jonathan Ransley**[7] spjega li huwa kien l-ufficjal prosekutur fil-kaz kontra l-imputat li gie deciz fit-tmintax (18) ta' Dicembru 2012. L-

[6] Fol. 541 et seq
[7] Fol. 158

Ispettur gharaf lill-imputat Camilleri bhala l-istess persuna li ghalih kienet tirreferi s-sentenza tal-2012.

**Jane Bonnici**[8] xehdet li fl-erbatax (14) ta' Frar 2019 kienet qeghda fil-kcina tal-appartament taghha numru wiehed (1), Marvic Court, Triq l-Imdina, Attard. Ghall-habta tas-sitta u ghoxrin u s-sitta u nofs ta' filghaxija bdiet tisma' xi hsejjes gejjin minn fuq. X'hin hija harget il-borza tar-riciklagg, rat id-dawl fuq fejn hemm l-appartament ta' ohtha. Ghalqet il-bieb ta' barra tal-appartament taghha u regghet fethitu ftit wara. Dak il-hin rat lill-imputat niezel b'xi haga f'idu. Kif harset lejh, hija hasbet li kien wiehed gar taghha. Imma imbaghad irrealizzat li ma kienx hu ghax dan ir-ragel kien itwal u ma kienx kellimha. Kieku kien ikellimha. Fil-pront waqaghlu envelope. Hija offriet li tigbru imma dan qalilha le u baqa' niezel. Hija imbaghad itawwlet isfel fejn hemm il-bieb komuni tal-blokk u rat li dan ir-ragel kien hallieh miftuh. Hija nizlet isfel biex taghlqu u sabet il-lock imqaccta. Wara li kellmet lil zewgha, hija kienet sejra tkellem lir-ragel ta' ohtha biex tghidlu bil-lock imqaccta tal-bieb tal-komun. Fil-pront innutat daqqiet fuq ix-xambrella tal-bieb tal-appartament ta' ohtha u l-lock taghhom imqaccta. Dahlet fil-pjan tad-dar ta' ohtha u fil-kurituri rat kxaxen u gwardarobbi miftuhom. Kompliet tghid li meta imbaghad ohtha giet lura, hija kienet indikatilha li kienet rat ragel li kien jixbah hafna lil wiehed gar taghhom. Ohtha kienet ikkonfermatilha li l-istess ragel kienet ratu mal-gurnata. Ix-xhud kompliet tghid li imbaghad kienu baghtu ghaliha biex tmur id-Depot fejn wrewha numru ta' ritratti u minnhom gharfet il-persuna li hija kienet rat niezla mit-tarag tal-komun.

[8] Fol. 160

**In kontro-ezami** x-xhud ikkonfermat li lill-imputat kienet ratu niezel minn fuq minn fejn hemm l-appartament ta' ohtha b'xi affarijiet. Dak li kellu f'idejh kien mohbi. Pero huwa u niezel waqaghlu envelope. Hija ikkonfermat li dak il-hin hija kienet fil-pjan taghha u ghadda minn quddiemha.

**In ri-ezami**, Jane Bonnici sostniet li dan ir-ragel kien ghadda minn maghha. Ma kienx boghod minnha li tghid li ma taghrfux. Ghalhekk imbaghad hija kif ratu fl-awla ikkonfermat li kien l-istess ragel li hija kienet rat dakinhar li sehhet is-serqa.

**Fil-kontro-ezami** li sarilha fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2020,[9] ix-xhud ikkonfermat li lill-imputat kienet xebhitu ma' xi hadd li kien joqghod faccata taghhom. Mistoqsija min hu, hija wiegbet li kienet ilha ma tarah ghax kienx ghadu joqghod hdejha. Imma dak iz-zmien kienet joqghod hemm. Hija ikkonfermat wkoll li l-imputat kien liebes xi haga griza, cara hafna. Kompliet tistqarr li hija ratu quddiemha, kienet waqghetlu xi haga, marret biex tigborhielu u ratu wicc im'wicc. Huwa kellu xi haga f'idu mghottija b'lizar jew carruta.

Fuq mistoqsija tad-difiza, hija qalet li ohtha ma kinitx infurmatha li kien se jkollha lil xi hadd jaghmel xi xoghlijiet fid-dar. Wara li telaq l-imputat, hija kienet nizlet isfel ghaliex kien halla l-bieb ta' barra miftuh. Dak il-hin

[9] Fol. 538 et seq

sabet is-serratura imqaccta. Telghet fuq biha u sabet il-bieb ta' ohtha sgassat u ohtha ma kinitx hemm.

Kompliet tghid li hija imbaghad marret id-Depot fejn il-Pulizija wrewha numru ta' ritratti. Kienet anke giet murija ritratti l-Ghassa tan-Naxxar. Pero l-izjed li identifikat lill-imputat kien fir-ritratti li wrewha d-Depot. Ix-xhud ma ftakritx jekk wrewlhiex ir-ritratti wiehed wiehed fi grupp u imbaghad wiehed wiehed fuq l-iscreen. Ftakret li wrewha ritratt bhala grupp. Temmet tghid li hija kienet biddlet is-serratura biex tkun aktar sigura.

**<u>L-Ispettur Christina Delia</u>**[10] xehdet li fil-hmistax (15) ta' Frar 2019 kienet giet infurmata li sehhet serqa minn dar fin-Naxxar. Waqt li kienet ghaddejja bl-investigazzjonijiet, giet infurmata wkoll li kienet sehhet serqa minn Flat 2, Marvic, Triq l-Imdina, Attard. Hija u l-Ispettur Sciberras kellhom indikazzjoni li l-persuna li setghet kienet wara dawn is-serqiet kien Matthew Camilleri. Hija u l-Ispettur Sciberras talbu lill-kumpanija Vodafone ghal-localisation tal-mobile ta' Camilleri. Minn informazzjoni li ghaddiet il-Vodafone, gie stabbilit li l-mobile ta' Camilleri kien qabad ma' zewg antenni li jinsabu gewwa H'Attard. Dan kien bejn il-hamsa u tlieta u tletin minuta ta' filghaxija u s-sitta u tmienja u erbghin minuta ta' filghaxija. Kompliet tispjega li hija marret fuq il-post u flimkien mal-Ispettur Sciberras identifikaw il-cameras tac-CCTV li kien hemm fl-inhawi. Mill-filmati migbura, dehret vettura kbira SUV tipparkja mal-istess naha fejn kien hemm l-appartament tad-derubati.

[10] Fol. 222 et seq

Minn din il-vettura hareg persuna maskili li qasam ghan-naha l-ohra tat-triq fejn kien il-vetrina tal-agenzija tal-propjeta. Il-persuna gie identifikat bhala l-imputat Matthew Camilleri. Huwa imbaghad deher jerga' jaqsam it-triq ghall-vettura tieghu. Dahal fil-vettura u din imxiet ftit bhal li kieku kienet se titlaq izda imbaghad waqfet. Fil-pront id-dawl tal-bieb tal-komun tal-flattijiet bl-isem Marvic xeghel u minnu hargu zewg persuni li imxew ghad-dahla tal-garaxxijiet. Il-vettura ta' Matthew Camilleri irriversjat u regghet ipparkjat fil-post fejn kienet qeghda. Huwa hareg mill-vettura tieghu u beda miexi lejn ir-residenza Marvic. Huwa ghadda minn mar-residenza u kif wasal hdejn l-entratura tal-garaxxijet harget vettura Hyundai Getz li aktar tard gie konfermat li kienet il-vettura li d-derubati kienu hargu biha. Camilleri kompla miexi sal-kantuniera u imbaghad dar u mexa lura lejn ir-residenza Marvic. Huwa deher diehel fil-parapett ta' din ir-residenza u infatti xeghlet il-bozza ta' fuq il-bieb. Huwa hareg mill-parapett mexa lejn il-vettura tieghu u imbaghad rega' mar lura fil-parapett tal-blokka u deher li qieghed jaghmel xi haga mal-bieb ta' barra. Il-bieb deher li infetah u Camilleri ma deherx aktar. Wara ghoxrin minuta, huwa deher hiereg mill-blokka u mexa lejn il-vettura SUV. Huwa deher li kellu xi affarijiet f'idu li tefghahom fil-vettura. Huwa rega mexa ghal vicin ir-residenza u minn wara van deher jitbaxxa bhal donnu gabar xi haga mill-art u mar ghall-vettura tieghu li imbaghad telqet minn fuq il-post. Mill-filmati gie stabbilit wkoll li l-vettura ma kelliex number plate fuq in-naha ta' wara taghha. Eventwalment waqt l-arrest li sar ta' Matthew Camilleri, huwa kien qed jaghmel uzu minn vettura Lexus ta' lewn skur u din kienet wkoll minghajr number plate fuq in-naha ta' wara. Ix-xhud gharfet lil Matthew Camilleri bhala l-imputat

fl-awla. Ipprezentata wkoll erba' (4) sentenzi li kollha kienu jirreferu ghall-kundanni precedenti ta' Matthew Camilleri.

**PS 90 Jeffrey Gerada**[11] xehed li huwa kien assista lill-Ispettur Mario Sciberras u lill-Ispettura Christine Delia rigward serqa li kienet sehhet fl-erbatax (14) ta' Frar 2019 minn Marvic, Flat 2, Triq l-Imdina, Attard. Minn din id-dar tar-residenza kienu insterqu flus, deheb u oggetti ohra. Kompla jghid li kienu ingabru l-filmati minn cameras tas-sigurta fl-inhawi. Ix-xhud spjega li kien ra l-filmat mill-camera tas-sigurta tac-Century 21 u minnu kien gharaf lill-persuna tal-imputat. Huwa deher hiereg minn vettura SUV li waslet fuq il-post. Kompla jispjega kif eventwalment l-imputat deher diehel fil-blokka fejn kien hemm l-appartament li minnu insterqu l-affarijiet u huwa kien dam gewwa ghal madwar ghoxrin (20) minuta. L-imputat kien gie arrestat izda huwa kien cahad l-involviment tieghu fil-kaz.

Tul il-kors tal-investigazzjoni wkoll il-Pulizija kienet giet infurmata li kienu instabu xi affarijiet fejn is-St Philips Hospital. Fosthom kienet instabet gizirana li imbaghad Rose Caruana gharfet li kienet taghha. L-imputat kien ittiehed kemm fuq il-post fejn sehhet is-serqa kif wkoll fil-post fejn kienu instabu l-affarijiet. Waqt li x-xhud kien qed jitkellem ma' PS 430 biex jindikalu ezatt il-post fejn instabu l-affarijiet – peress li l-affarijiet kienu gew elevati minn PS 430 – l-imputat qallu biex ihalli f'idejh biex jindikalhom fejn kienu instabu l-oggetti u fil-fatt indikalhom hu. Kien indikalu wkoll il-bieb tar-residenza minn fejn saret is-serqa u anke

[11] Fol. 234 et seq

fejn kienet ipparkjata il-vettura tieghu. Qallu wkoll li l-cameras tas-sigurta li kien hemm kienu illegali.

Ix-xhud zied jghid wkoll li huwa kien involut sabiex saret l-ID parade. Spjega li kienu ghazlu ritratti ta' nies li kienu bil-lehja biex kemm jista' jkun ifixklu lill-vittmi. Pero l-vittmi kienu indikaw lil Matthew Camilleri.

**In kontro-ezami** x-xhud ikkonferma li l-imputat kien gie identifikat b'certenzza ta' disghin u hamsa u disghin fil-mija.

**Fil-kontro-ezami** li sarlu fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2020,[12] ix-xhud indika li huwa kien ra l-filmati mill-cameras tas-sigurta qabel sar l-arrest tal-imputat. Ikkonferma li Matthew Camilleri kien deher fil-filmati. Camilleri kien imbaghad deher jaqsam it-triq u imbaghad dahal gor-residenza li giet misruqa. Dan kollu inqabad mill-camera tas-sigurta tal-agenzija tal-propjeta.

Ikkonferma wkoll li lill-imputat – wara li kienu tawh id-drittijiet tieghu – kienu haduh fil-post fejn kienet sehhet is-serqa. Huwa kien indikalu li qed issir investigazzjoni fuq serqa mir-residenza li kellha l-bieb ahmar u huwa kien wiegeb "Ehe" bhal donnu ried jghid li kien jaf biha.

Mistoqsi fl-liema stadju tawh id-drittijiet tieghu, ix-xhud wiegeb li d-drittijiet tawhomlu l-ewwel darba li kienu marru l-habs ghalih.

[12] Fol. 546 et seq

Lill-imputat haduh wkoll fejn kienu instabu l-affarijiet u meta kienu ghadhom qeghdin jippruvaw jidentifikaw il-post fejn instabu l-affarijiet, l-imputat minn jeddu kienu indikalhom fejn kienu. Dan fil-presenza ta' PC 1439.

Ix-xhud ikkonferma li kien qal lill-imputat – u dan qabel mal-imputat tressaq il-Qorti – li l-Pulizija kellha provi godda fil-konfront tieghu. Temm jghid li huwa kien involut wkoll fit-tfittxija li kienet saret fid-dar tar-residenza tal-partner tal-imputat.

**PS 430 Andrew St John**[13] xehed li fil-hmistax (15) ta' Frar 2019 qrib nofsinhar kien inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Mario Sciberras biex imur malajr ghal taht fejn kien hemm is-St Philips Hospital. Huwa mar fil-post indikat fejn sab xi affarijiet mormijin fl-art. Dawn kienu qishom kaxxi tal-gojjellerija vojta u ghadd ta' oggetti ohra. Dawn kollha kienu fil-parti fejn jistghu jipparkjaw il-vetturi fil-genb taht il-bankina. L-oggetti gew elevati u gew mghoddija lill-Ispettur Sciberras. Temm jghid li qabel ma eleva l-affarijiet huwa kien ha diversi ritratti u baghthom lill-Ispettur Sciberras.

**Fil-kontro-ezami** li sarlu fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu 2020[14] ikkonferma li huwa kien inghata struzzjonijiet biex imur taht l-Isptar St Philips fejn kienu instabu xi oggetti fosthom kaxxi li kienu qishom tal-gojjellerija. L-oggetti li kienu instabu kienu gew elevati u mghoddija lill-Ispettur Xiberras. Ir-ritratti kienu ittiehdu bil-mobile ta' PC 1049.

[13] Fol. 253 et seq
[14] Fol. 534 et seq

**Jonathan Mizzi**,[15] espert mahtur mill-Qorti biex jezamina l-footages u johrog scans mill-istess footages, ipprezenta r-rapport tieghu. Fl-istess rapport huwa identifika l-movimenti ta' ragel li inqabad mill-istess cameras. Wicc dan ir-ragel inqabad minn camera partikolari. Ix-xhud spjega fir-rapport tieghu li dan ir-ragel eventwalment deher diehel f'residenza. Il-bozza ta' fuq il-bieb dehret tixghel huwa u diehel. Wara xi hamsa u ghoxrin (25) minuta r-ragel deher hiereg mill-istess residenza u miexi lejn il-vettura li originarjament kien hareg minnha. Huwa deher qieghed igorr xi affarijiet f'idu. Wara li tefa' l-affarijiet fil-vettura, huwa deher rega' miexi lura, gabar xi haga mill-art u mar lura lejn il-vettura tieghu li imbaghad telqet minn fuq il-post.

**PS 984 Alfred Cassar**[16] xehed li fl-erbatax (14) ta' Frar 2019 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija kienet dahlet telefonata fl-Ghassa ta' Birkirkara li kienet sehhet serqa fl-indirizz Marvic, Flat 2, Mdina Road, Attard. Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post fejn sabu lill-konjugi Caruana. Dawn infurmawhom li kienu hargu mir-residenza taghhom ghas-sitta ta' filghaxija u rritornaw fis-sebgha ta' filghaxija. Hekk kif il-Pulizija dahlet fl-appartament taghhom setghet tosserva taqlib b'mod partikolari f'zewgt ikmamar tas-sodda. Kienu insterqu flus, cekkijiet u anke oggetti tad-deheb. Il-Pulizija tkellmet wkoll ma' Jane Bonnici li qaltilhom li hekk kif harget fil-komun rat ragel niezel. Kienet tat deskrizzjoni li kien liebes track suit griza, kellu xaghru imqaxxar mill-genb u minn fuq spiky u tkellem bil-Malti.

---

[15] Fol. 311 et seq
[16] Fol. 339 et seq

**John Cuschieri**[17] xehed li huwa jahdem ma' kumpanija tal-ghamara. Spjega li huwa gie inkarigat minn oht Chalie l-Mekkanik sabiex jibdel xi serraturi. Huwa kien bidel tlett serraturi. Ikkonferma li d-dokument a fol. 74 tal-process kien hargu hu. Minnu kien jirrizulta l-ammont li huwa thallas tax-xoghol sabiex inbidlu s-serraturi.

**PC 976 Thomas Zammit u PC 959 Daniel Formosa** xehdu li nhar l-erbatax (14) ta' Frar 2019 gew inkarigati jaghmlu xoghol ta' Scene of the Crime Officers gewwa l-fond Marvic, Flat 2, Triq l-Imdina, Attard, Malta. Ghamlu xoghol ta' ezami ta' marki ta' swaba u hadu wkoll diversti ritratti. Fis-sittax (16) ta' Frar gew wkoll infurmati mill-membri tas-CID li kienu instabu xi affarijiet possibilment relatati mal-kaz tal-fond Marvic, Flat 2. Dawn l-oggetti gew fotografati u anke ittiehdu zewg kampjuni ghall fini tad-DNA. L-ezami ghall-finger prints ma ta l-ebda rizultat pozittiv.

**Il-Perit Mario Cassar**[18] xehed li huwa kien gie inkarigat jaghmel pjanta tat-triq u jindika l-posizzjoni tal-antennas, tac-CCTV u l-posizzjoni ta' karozzi indikati mill-Pulizija. Ghamel wkoll indikazzjoni tal-gallarijiet u tal-angolatura min-naha l-ohra tat-triq.

**PS 88 Aldo Cassar**[19] xehed li Matthew Camilleri kien qieghed jigi imfittex mill-Pulizija. Waqt li kien qieghed jaghmel patrol f'Birkirkara, huwa ra lil Matthew Camilleri javvicna l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SJN

[17] Fol. 342 et seq
[18] Fol. 416 et seq
[19] Fol. 431 et seq

001. Ikkonferma li fil-parti ta' wara l-vettura ma kellha l-ebda pjanca. Ix-xhud ikkonferma li din kienet l-istess vettura li dehret fl-istills mahruga mill-filmati mill-espert Jonathan Mizzi.

**PC 1439 Carl Pace**[20] xehed li fis-dsatax (19) ta' Marzu 2019 kien xoghol is-CID. Huwa kien isejjah minn PS 90 Gerada sabiex flimkien mas-Surgent u l-imputat Matthew Camilleri jmorru fuq il-post fejn kienet sehhet is-serqa li fiha hu seta' kien involut. Meta waslu fi Triq l-Imdina, l-imputat qalilhom li peress li huma mieghu kienu imxew ta' rgiel, huwa kien sejjer jaghmel l-istess. Camilleri indika lill-Pulizija fejn huwa kien ipparkja l-vettura u minn fejn kien ghadda biex ghamel ir-reat. Minn hemm imbaghad marru l-Imsida biex isibu l-post fejn kienet instabet parti mir-rifurtiva. L-imputat indika lill-Pulizija minn fejn kellhom jghaddu biex jaslu ghall-post fejn kienet instabet ir-rifurtiva. Dan kien l-istess post fejn kien gie indikat lilu mill-Ispetturi fejn kienu instabu l-oggetti.

**In kontro-ezami**, ix-xhud indika li huwa kien qieghed ma' PS 90. Mistoqsi jekk fit-tragit kienx hemm xi kuntatti bit-telefon mal-Ispettur u mas-Surgent, ix-xhud wiegeb li ma kienx jidhirlu li kien hemm. Dan ghaliex l-istruzzjonijiet kienu haduhom qabel ma hargu mill-ufficju tal-Ispettur Sciberras. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat stess kien wriehom il-post fejn kienet instabet ir-rifurtiva.

[20] Fol. 434 et seq

**PC 1049 William Grech**[21] xehed li fil-hmistax (15) ta' Frar 2019 fuq ordni tal-Ispettur Mario Sciberras kien mar taht ir-roundabout tal-Isptar St Philips sabiex jigbru xi oggetti relatati ma'serqa li kienet sehhet il-gurnata ta' qabel. Ix-xhud mar flimkien mas-Surgent 430. Is-Surgent ha xi ritratti tal-post u tal-oggetti li instabu bil-mobile tal-istess xhud. Dawn ir-ritratti gew mghoddija lill-Ispettur Xiberras.

**Il-Correction Officer Supervisor Helenio Galea**[22] xehed li l-imputat Matthew Camilleri kellu zewg rapporti waqt li kien qieghed il-habs. Rapport minnhom kien jikkoncerna abbuz ta' droga u iehor li ma obdiex ordnijiet u regolamenti tal-habs. Infatti l-imputat kien instab pozittiv ghall-kokajina.

**In kontro-ezami** x-xhud spjega li sabiex persuna li tkun taht arrest preventiv tkun tista' tibda programm, hija trid bil-fors tinghata l-helsien mill-arrest.

**Charmaine Zammit**[23] ghan-nom tal-Vodafone ipprezentat dokumenti dwar in-numru tat-telefon 99917057 li huwa registrat fuq isem Matthew Camilleri. Dawn id-dokumenti kienu jinkludu call profile, sms, localisation u registration details bejn id-dati tat-tnax (12) u l-hmistax (15) ta' Frar 2019.

---

[2121] Fol. 439 et seq
[22] Fol. 442 et seq
[23] Fol. 459 et seq

**<u>Matthew Cilia</u>**[24] xehed li huwa jahdem ma' Afamalco Group. Dan huwa l-grupp li jamministra l-propjeta li fiha hemm c-Century 21 Real Estate u showroom tal-muturi. Huwa ikkonferma li l-Pulizija kienu talbuh il-filmati mill-cameras tas-sigurta tal-gurnata tal-erbatax (14) ta' Frar 2019 bejn it-tlieta u nofs u s-sebgha u nofs ta' filghaxija.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI TAL-QORTI</u>

### <u>Il-fatti tal-kaz</u>

Fil-qosor il-fatti tal-kaz huma s-segwenti: nhar l-erbatax (14) ta' Frar 2019, sehhet serqa mir-residenza Flat 2, Marvic, Triq l-Imdina, H'Attard. Minn din ir-residenza insterqu flus kontanti, gojjelli u oggetti ohra. Sabiex seta' kien hemm access ghal dan l-appartament, sar sgass fil-bieb tal-komun kif wkoll fil-bieb tal-appartament. Xi whud mill-oggetti instabu l-ghada taht l-Isptar St Philips, fl-Imsida. Minn ezami tal-filmati tas-CCTV il-Pulizija waslet ghall-persuna tal-imputat Matthew Camilleri. Il-vittma u ohtha wkoll indikaw lill-imputat Matthew Camilleri: il-vittma indikat li kienet ratu fl-akkwati u ohtha spjegat li kienet ratu fil-komun tal-blokka fejn sehhet is-serqa niezel mill-appartament ta' fuqha fejn kienet toqghod ohtha li giet misruqa. Abbazi ta' din l-informazzjoni l-imputat tressaq il-Qorti u gie akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-hin, lok, mezz u valur, bir-reat ta' hsara volontarja u li huwa wkoll ricediv.

---

[24] Fol. 512 et seq

**Ikkunsidrat:**

Kif kellha l-opportunita din il-Qorti tesprimi kemm -il darba l-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-ahjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat bir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[25] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

[25] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

Huwa *sine qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed ikun jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija.

Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002:

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[26]

[26] [1952] A.C. 480, PC at 489

## KONSIDERAZZJONIJET DWWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

- **L-Ewwel Imputazzjoni: L-Imputazzjoni tas-Serq**

L-ewwel imputazzjoni li qeghda tigi addebitata lill-imputat hija dik tas-serq mid-dar tar-residenza tal-vittmi Rose u Carmelo Caruana. Din il-Qorti fliet fid-dettal il-provi kollha migjuba mill-prosekuzzjoni u huwa car li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ghaliex il-provi kollha cirkustanzjali li gew prodotti kollha jindikaw li l-imputat Matthew Camilleri kien il-persuna li wettqet is-serqa mir-residenza tal-konjugi Caruana. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni abbazi tas-segwenti ragunijiet:

(a) L-ewwel prova cara jaghtuha l-filmati tas-CCTV li gew esebiti fil-kors ta' dawn il-proceduri. L-espert tal-Qorti Jonathan Mizzi hareg l-istills kollha rilevanti minn dawn il-filmati. Huwa car minn dawn il-filmati li l-imputat mar fl-inhawi u ghamel hin hemmhekk. Mill-istess filmati jidher diehel mill-bieb komun tal-blokka fejn jinsab l-appartament li fih sehhet is-serqa u dan wara li jidher qieghed jaghmel xi haga mal-bieb. L-imputat dam fl-istess appartament ghall-hamsa u ghoxrin (25) minuta u imbaghad deher hiereg mill-istess appartament b'xi haga f'idu. Il-veracita ta' dawn il-filmati li minnhom ittiehdu dawn l-istills gew konfermati mill-amministratur tal-propjetajiet fejn kienu imwahhlin il-cameras. Infatti kien hu li ghadda dawn il-filmati lill-Pulizija.[27] Id-difiza fin-

[27] Ara xhieda ta' Matthew Cilia a fol. 512 et seq.

nota taghha tghid li ma ingabitx prova dwar il-vettura SUV li taghha l-Prosekuzzjoni tant serrhet fuqha. Dan assolutament mhux korrett. Mill-filmati deher car li din il-vettura ma kellhiex pjanci fuq in-naha ta' wara taghha. Meta Matthew Camilleri gie arrestat, huwa instab fil-pussess ta' vettura Lexus sewda ta'ghamla SUV li wkoll ma kellha l-ebda pjanci fuq in-naha ta' wara taghha. Dan ikkonfermah PS 88 Aldo Cassar li kien involut meta gie arrestat Camilleri. Huwa minnu li l-filmati ma kellhomx id-data u l-hin indikati fuqhom. Pero dan il-punt gie konfermat minn provi ohra kif sejjer jinghad;

(b) Prova ohra krucjali li gabet il-Pulizija hija l-localisation tal-mobile tal-imputat minghand il-kumpanija Vodafone. Skont id-dokumentiipprezentati mir-rapprezentant tal-kumpanija Vodafone irrizulta bic-car li dakinhar tal-erbatax (14) ta' Frar 2019 bejn il-hamsa u tlieta u tletin minuta ta' filghaxija u s-sitta u tmienja u erbghin minuta ta' filghaxija, l-imputat kien fl-inhawi fejn sehhet is-serqa peress li l-mobile tieghu qabad mal-antenna li hemm fuq il-bini bl-isem Harley. Il-posizzjoni ta' din l-antenna vis-a-vis id-dar tar-residenza tad-derubati hija indikata bl-aktar mod car fil-pjanta redatta mill-espert tal-Qorti l-Perit Mario Cassar. [28] Huwa car li din l-antenna kienet fil-qrib tar-residenza tad-derubati;

(c) Hemm imbaghad l-identifikazzjoni li ghamlu d-derubata Rose Caruana u anke ohtha Jane Bonnici. Rose Caruana xehdet li lill-

[28] Fol. 418 et seq tal-process.

imputat kienet ratu fit-triq quddiem ir-residenza taghha aktar qabel f'dik il-gurnata. Kienet innutatu ghaliex hasbitu wiehed gar li kien joqghod faccata taghha. Pero imbaghad peress li baqa' miexi aktar 'l fuq fit-triq indunat li ma kienx hu. Jane Bonnici li toqghod fl-appartament numru wiehed (1), Marvic Flats, Triq l-Imdina, Attard inzertat lill-imputat niezel it-tarag u ratu qrib taghha. Ghalkemm ghall-ewwel hasbet li kien il-gar taghha, din l-idea mill-ewwel warrbitha ghaliex il-persuna li rat kienet itwal mill-gar li kienet taf hi. Di piu, ir-ragel li kienet rat fil-komun ma kienx kellimha u ghalhekk eskludiet li kien il-gar taghha ghaliex kieku kien ikellimha. Jane Bonnici ikkonfermat wkoll li l-istess imputat kellu xi oggetti f'idu li kienu mohbijin. Assolutament ghalhekk mhux il-kaz li hemm xi mistaken identity u li l-imputat gie imfixkel ma' xi persuna ohra. Jigi senjalat wkoll li kemm Rose Caruana u anke Jane Bonnici dejjem kienu konsistenti fil-verzjonijiet li huwa taw: kemm lill-Pulizija a tempo vergine, kemm waqt ix-xhieda taghhom in ezami u anke in kontro-ezami li parti minnu sar fi tmiem dawn il-proceduri.

(d) Kemm Rose Caruana u anke Jane Bonnici jikkonfermaw li dawn il-fatti sehhew fl-erbatax (14) ta' Frar 2019. Il-hin li indikaw l-istess persuni jikkombaccja ezatt mal-hinijiet fejn il-mobile tal-imputat qabad mal-antenna li kienet tinsab fl-inhawi. L-identita tal-imputat ikkonfermawha l-istess Caruana u Bonnici separatament kemm fl-ID parades li saru fid-Depot tal-Pulizija u anke fl-awla. Ta' min jinnota wkoll li l-identifikazzjoni saret miz-zewg xhieda minn numru ta' ritratti li gew prezentati lilhom ma' xulxin u mhux billi

gew murija ritratti wiehed. Dan aktar ikompli jaghti sahha lill-identifikazzjoni li ghamlu z-zewg xhieda tal-imputat.

(e) Fl-ahhar nett jigi senjalat wkoll li l-istess imputat kien indika lill-Pulizija ezatt fejn kien rema parti mir-rifurtiva, liema rifurtiva instabet l-ghada li sehhet is-serqa.[29] Dan kien wara li l-imputat kien gie arrestat in konnessjoni ma' dan l-kaz u inghata d-drittijiet tieghu. Dan aktar ikompli jikkonferma l-involviment tal-imputat fl-akkadut. Anke li kieku ghall-grazzja tal-argument din il-prova kellha tigi skartata, xorta l-provi l-ohra huma sufficjenti biex jattribwixxu s-serqa li sehhet fl-erbatax (14) ta' Frar 2019 mill-fond bl-isem Marvic, Flat 2, Triq l-Imdina, Attard lill-imputat.

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jikkonfermaw wkoll li r-reat ta' serq li twettaq mill-imputat kien aggravat:

(a) **<u>bil-mezz</u>** ghaliex huwa car li sar sgass kemm fuq il-bieb tal-komun tal-appartamenti kif wkoll fil-bieb tal-appartament minn fejn sehhet is-serqa. Jane Bonnici xehdet kif wara li hareg l-imputat mill-blokk u indunat li kien halla l-bieb miftuh, sabet is-serratura mqaccta fl-art. Kif imbaghad telghet fuq irriskontrat daqqiet max-xambrella tal-bieb ta' ohtha kif wkoll is-serratura imqaccta. Dan kollu jidher bic-car fir-ritratti li hadu s-scene of the crime officers. Il-filmati wkoll juru li l-imputat kien qieghed

[29] Fol. 236 u fol. 434 tal-process.

jaghmel xi haga mal-bieb qabel dahal fil-komun sabiex jasal ghall-appartament li minnu seraq;

(b) **<u>bil-valur</u>** ghaliex l-ammont misruq ecceda l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94). Infatti d-derubati jindikaw li kellhom tal-anqas elf ewro (€ 1,000) bejn flus kontanti fil-wallet u muniti. Insteraq wkoll ammont ta' deheb. Il-valur ta' dan id-deheb ma giex indikat mill-Prosekuzzjoni fil-provi li ingabu. Id-derubati jghidu li b'kollox insterqilhom kemm jiswa hamest elef ewro (€ 5,000). Dan il-punt pero ma giex sostnut minn provi. Dan apparti wkoll il-fatt li kien hemm tal-anqas oggett tad-deheb li instab ghaliex kien intrema taht is-St Philips Hospital u gie ritornat. Ghalhekk fic-cirkostanzi ghalkemm l-ammont li insteraq ecceda l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) ma jistax jinghad li dan ecceda l-ammont ta' elfejn tlett mija u u disgha u ghoxin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) hekk kif indikat mid-derubati. Infatti l-ewwel akkuza qed tirreferi ghall-ammont li ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tlett mija u u disgha u ghoxin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37);

(c) **<u>bil-lok</u>** ghaliex sehh minn dar ta' residenza;

(d) **<u>bil-hin</u>** ghaliex sehh wara nzul ix-xemx. Tenut kont li kien nofs Frar u l-hin kien wara s-sitta ta' filghaxija, zgur li dak il-hin jkun gia dalam.

Hemm imbaghad l-aggravju li din is-serqa saret fil-konfront ta' persuni anzjani. Infatti fil-gurnata li saret is-serqa, id-derubati kellhom aktar minn wiehed u sittin (61) sena u dan skont kif jikkonfermaw ic-certifikati tat-twelid taghhom li gew prezentati mill-ufficjal prosekutur.[30]

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni – Hsara Volontarja fil-Propjeta tad-Derubati</u>**

Din l-akkuaza wkoll giet sodisfacentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni. Mill-provi irrizulta li saret hsara fil-lock tal-bieb tal-komun u anke fil-lock tal-bieb tal-appartament tad-derubati konjugi Caruana. Tali hsara twettqet mill-imputat ghaliex kif indikat precedentement f'din is-sentenza kien hu li wettaq l-isgass sabiex seta' acceda ghall-appartament fejn sehhet is-serqa.

Sabiex giet irrangata l-hsara intefqet is-somma ta' tlett mija u hamsa u disghin ewro (€ 395). Dan skont kif jirrizulta mill-VAT Invoice a fol. 74 tal-process, liema dokument gie wkoll konfermat bil-gurament minn John Cuschieri, il-persuna li ghamel it-tiswijiet u hareg il-kont. Jigi senjalat li l-istess dokument qieghed jirreferi biss ghal bdil tas-serratura tal-komun u tal-appartament tad-derubati u ma jinkludix l-ispiza tal-bdil tas-serratura tal-appartament ta' Jane Bonnici.

[30] Ara fol. 79 u 80 tal-process.

- **<u>It-Tielet Imputazzjoni – Ir-Ricediva</u>**

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jean Pierre Galea</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[31] ingħad li sabiex persuna titqies ricediva, il-Prosekuzzjoni hija obbligata li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni s-segwenti:

(a) li l-imputat ikun ġie ikkundannat għal delitt – tali prova trid issir bil-mezz ta' kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja li fuqha jkunu jirriżultaw il-konnotati identiċi tal-ħati jew almenu jkun hemm prova oħra tal-identita tal-ħati mal-imputat li jkun irid jiġi ritenut bħala reċidiv;

(b) b'sentenza li tkun għaddiet in ġudikat;

(c) li l-imputat ikun dak li wettaq id-delitt il-ġdid;

(d) ikun wettqu fi żmien għaxar snin (jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin) jew fi żmien ħames snin (fil-każijiet l-oħra kollha);

(e) minn dak in-nhar li jkun skonta jew tkun inħafritlu l-piena.

Anke fejn tidhol din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha. Gew prezentati l-kopji tas-sentenzi awtentikati li minnhom

[31] Per l-Imhallef Dr Aaron Bugeja. – deciza fl-10 ta' Gunju 2020 (Appell Numru 228/2019)

jirrizultaw il-konnotati tal-imputat odjern. Fir-rigward ta' xi whud missentenzi saret wkoll il-prova tal-identita tal-imputat mill-ufficjali prosekuturi f'dawn il-kawzi. Fir-rigward tas-sentenzi esebiti mill-Ispettur Christina Delia fis-seduta ta-sittax (16) ta' Mejju 2019, l-Prosekuzzjoni giet ezentata milli itella l-prova tal-identita tal-imputat.[32] Minn ezami tas-sentenzi tat-tmintax (18) ta' Dicembru 2012[33], tmienja u ghoxrin (28)ta' Novembru 2012[34] u tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 2018[35] huwa car li t-terminu stabbilit mil-ligi sabiex persuna ma titqies ricediva kien ghadu m'ghaddiex. Ghalhekk l-akkuza irrizultat pruvata.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[36] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

32 Ara verbal a fol. 221.

33 Fol. 98 et seq. L-identita tal-imputat f'din is-sentenza kienet anke giet konfermata mill-ufficjal prosekutur Jonathan Ransley li xehed f'dawn il-proceduri.

34 Fol. 106 et seq.

35 Fol. 232 et seq tal-process.

36 Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri

fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

**Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat u jidrilha li piena karcerarja effettiva hi l-unika wahda idonea, ghaliex l-imputat ma qabadx il-barri minn qrunu, u flok qal issa daqshekk fit-triq tal-kriminalita', ghazel li jkompli jiddelinkwi.**

**Il-Qrati ghandhom jiftakru li barra li jzommu quddiem ghajnejhom l-imputati, jridu izommu ukoll lil qraba taghhom li jispiccaw jaghmlu minn kollox anke jiddejnu biex jaraw lil uliedhom 'l boghod mic-cirku ta' kriminalita'.**

**Il-Qrati jridu ukoll izommu quddiem ghajnejhom lill-vittmi tal-kriminalita'. Fil-media aktar nisimghu fuq min inghata l-liberta' provizorja fl-iqsar zmien u ma nisimghu xejn fuq it-trawma li jghaddu minnha l-vittmi tal-kriminalita'.**

**Dawk li f'pajjizna jimxu skont kif tipprovdi l-ligi huma l-maggoranza assoluta u huma l-minoranza li jabbuzaw mil-ligijiet ta' pajjizna.**

**Dawn ic-cittadini li hafna drabi jsoffru fis-skiet ta' djarhom ghax m'ghandhomx min isemma' lehinhom kull ma jridu hija li meta johorgu minn djarhom jirritornaw lura u ma jsibux li xi hadd dahlilhom u seraqhom.**

**Dawn ic-cittadini kull ma jridu ghalihom u ghal uliedhom huwa li meta johrogu minn djarhom ma jkunx hemm xi hadd li jwegghahom biex jisraqhom.**

**Dawn ic-cittadini kull ma jridu li meta jmorru ghax-xoghol ma jidhol hadd fuqhom iwerwirhom, ipoggilhom hajjithom fil-periklu biex jisraqhom.**

**Is-socjeta' qieghda tokrob biex dawn il-Qrati jwiegbu ghat-thassib taghhom li filwaqt li ma jsirux gurijiet fit-toroq u fuq il-mezzi tax-xandir, tassew is-socjeta' tkun protetta mid-decizjonijiet li jinghataw.**

**Is-socjeta' tapprezza ukoll li fejn hemm it-tama li persuna tista' tirriabilita ruhha ghandha tinghata din it-triq izda ma taccettax li jkun hemm min jabbuza mill-id tal-hbiberija u flok jaghzel it-triq lil hinn mill-kriminalita', jara kif jaghmel biex jiftah kaz wara l-iehor u jhalli aktar vittmi tal-kriminalita' u jisfida lil forzi tal-ordni bl-agir tieghu.**

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli, 49, 50, 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263, 269, 270, 278(2), 279(a), 280(2), 257D(1)(b), 289, 325(1)(b) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha li gew dedotti fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' erba' snin prigunerija.

In oltre l-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tikkundanna lill-hati sabiex huwa jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' €1,529.00 rapprezentanti spejjez ta' esperti inkorsi f'dawn il-proceduri.

---

**Dr Joseph Mifusd**
**Magistrat**